

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 937/2007

tas-6 ta' Awwissu 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1539/2006 li jadotta pjan ta' konċessjoni lill-Istati Membri ta' riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2007 għall-provvista ta' l-ikel mill-ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità, u li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 3149/92

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

tal-butir fil-pjan annwali ta' l-2007. Barra minn hekk, ċerti kwantitajiet ta' ċereali u zokkor mhumix meħtieġa aktar għall-pjan ta' l-2007.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-provvista ta' l-ikel minn stokkijiet ta' l-intervent lil organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92 tad-29 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-provvista ta' l-ikel minn ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju ta' persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità ⁽²⁾, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1539/2006 ⁽³⁾, adottat pjan għall-allokazzjoni ta' riżorsi lill-Istati Membri, li għandhom jitħallsu mill-baġit għall-2007, għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' l-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità. B'mod partikolari, il-pjan jistabbilixxi, għal kull Stat Membru li japplika l-azzjoni, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli sabiex iwettaq il-parti tiegħu tal-pjan, kif ukoll il-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tittieħed mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent.

(2) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jirrikjedi reviżjoni tal-pjan annwali meta t-tibdil matul l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri jikkonċerna 5 % jew iktar tal-kwantitajiet jew il-valuri elenkati għal kull prodott fil-pjan Komunitarju.

(3) In-nuqqas fl-użu tal-butir innotifikat lill-Kummissjoni tikkonċerna iktar minn 5 % tal-valur tal-kwantità totali

(4) Skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92, ir-riżorsi ġodda disponibbli għandhom jiġu allokati lil Stati Membri oħra fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet tagħhom.

(5) Waqt l-operazzjonijiet ta' rtirar tar-ross li saru bl-intervent Grieg, ġie skopert li l-kwantitajiet disponibbli ma kinux biżżejjed biex jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan annwali fil-Greċja. Għalhekk jinħtieġ li tiġi adattata l-allokazzjoni tal-prodotti ta' intervent jew l-għotjiet għax-xiri fis-suq ta' prodotti temporanjament mhux disponibbli fil-ħażniet ta' intervent.

(6) L-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jistabbilixxu l-iskadenzi għall-irtirar tal-prodotti mill-ħażniet ta' intervent. Billi l-modifika tal-pjan talloka lill-Polonja kwantitajiet supplimentari ta' 203 tunnelli ta' ċereali u 3 224 tunnelli ta' zokkor, u lis-Slovenja kwantità supplimentari ta' 1 000 tunnellata ta' ċereali li għandhom jiġu rtirati mill-ħażniet ta' intervent, huwa xieraq li tidderoga minn dawn l-iskadenzi fir-rigward ta' dawn il-kwantitajiet.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1539/2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1539/2006 qed jiġu emendati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 (ĠU L 260, 31.10.1995, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 313, 30.10.1992, p. 50. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 758/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 47).

⁽³⁾ ĠU L 283, 14.10.2006, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 306/2007 (ĠU L 81, 22.3.2007, p. 22).

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92, l-iskadenzi previsti fl-ewwel subparagrafu u fl-ewwel u r-raba' sentenzi ta' dak l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għall-kwantitajiet supplimentari ta' 1 203 tunnelli ta' ċereali u 3 224 tunnelli ta' zokkor allokati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 t' Awwissu 2007

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX

L-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1539/2006 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella fil-punt (a) tinbidel b'din li ġejja:

(f'euro)

"Stat Membru	Allokazzjoni
Belgique/België	5 817 428
Eesti	324 891
Elláda	6 689 132
España	50 340 744
France	49 940 164
Eire/Ireland	217 997
Italia	70 764 888
Latvija	18 446
Lietuva	3 273 261
Luxembourg	80 707
Magyarország	7 896 638
Malta	384 898
Polska	42 884 522
Portugal	14 904 058
România	16 649 889
Slovenija	1 929 341
Suomi (Finlande)	2 709 509
Total	274 826 513"

(b) it-tabella fil-punt (b) tinbidel b'din li ġejja:

(tunnellati)

"Stat Membru	Ċereali	Ross (ross bil-fosdqa)	Butir	Zokkor
Belgique/België	12 000			2 000
Eesti	3 000			
Eire/Ireland			80	
Elláda	11 760	2 755		
España	110 000		12 000	6 443

(tunnellati)

Stat Membru	Ċereali	Ross (ross bil-fosdqa)	Butir	Zokkor
France	82 641	23 641	6 500	3 338
Italia	122 465	20 000	3 570	6 847
Latvija	173			
Lietuva	12 000			2 760
Magyarország	52 000			900
Malta	1 550			
Polska	120 433		2 400	11 522
Portugal	20 000	14 000	3 160	1 435
România	96 712			11 986
Slovenija	3 610			653
Suomi (Finlande)	14 651		422	
Total	662 995	60 396	28 132	47 884"

(2) Fl-Anness II, it-tabella fil-punt (a) tinbidel b'din li ġejja:

"Stat Membru	euro
Belgique/België	2 893 618
Eesti	5 190
Elláda	4 765 946
France	14 494 803
Italia	39 261 578
Luxembourg	76 864
Magyarország	1 797 520
Malta	118 789
Polska	16 770 240
Portugal	1 141 888
Slovenija	1 051 634
Total	82 378 070"

(3) L-Anness III jinbidel b'dan li ġej:

"ANNEX III

Trasferimenti intrakomunitarji awtorizzati fil-qafas tal-pjan għall-baġit ta' l-2007

	Prodott	Kwantità (tunnellati)	Id-detentur	Destinatarju
1.	Qamħ komuni	2 207	MMM Suomi (Finlande)	Põllumajanduse Registrate ja Informatsiooni Amet, Eesti
2.	Qamħ komuni	11 760	BLE, Deutschland	OPEKEPE, Elláda
3.	Qamħ komuni	110 000	ONIGC, France	FEGA, España
4.	Qamħ komuni	103 429	BLE, Deutschland	AGEA, Italia
5.	Qamħ komuni	19 036	AMA, Österreich	AGEA, Italia
6.	Qamħ komuni	5 637	MMM, Suomi/Finlande	Aġenzija tar-Regolazzjoni tas-Suq għall-Prodotti Agrikoli u Alimentari, Lietuva
7.	Qamħ komuni	1 550	ONIGC, France	Iċ-Ċentru għar-Riċerka u l-Iżvilupp fl-Agrikoltura, Malta
8.	Qamħ komuni	20 000	ONIGC, France	INGA, Portugall
9.	Qamħ komuni	96 712	MVH, Magyarország	Aġenzija ta' Ħlas u Intervent għall-Agrikoltura, România
10.	Qamħ komuni u ċereali oħra	3 610	MVH, Magyarország	AAMRD, Slovenja
11.	Ross	23 641	OPEKEPE, Elláda	ONIGC, Franza
12.	Ross	20 000	OPEKEPE, Elláda	Ente Risi, Italia
13.	Ross	14 000	OPEKEPE, Elláda	INGA, Portugall
14.	Butir	3 511	Id-Dipartiment ta' Agrikoltura u ta' l-Ikel, l-Irlanda	Office de l'élevage, Franza
15.	Zokkor	3 338	FEGA, España	ONIGC, Franza
16.	Zokkor	2 760	ARR, Polska	Aġenzija tar-Regolazzjoni tas-Suq għall-Prodotti Agrikoli u Alimentari, Lietuva
17.	Zokkor	1 435	FEGA, España	INGA, Portugall
18.	Zokkor	11 986	MVH, Magyarország	Aġenzija ta' Ħlas u Intervent għall-Agrikoltura, România"